MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 770/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Vella Carmelo Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet sabiex s-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' elf u hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmu (€1,522.46) u dawn bhala danni minnha sofferti f'cable tad-dawl propjeta taghha, liema hsarat gew ikkagunati mis-socjeta konvenuta fi Triq Schembri Adami, Mosta nhar id-9 ta Dicembru 2006.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 200 u l-imghax legali dekorribli mid-data tal-istess sal-

pagament effettiv u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

1) It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2) L-allegati danni mhijiex responsabbli ghalihom is-socjeta attrici kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza;
3) Minghajr pregudizzju s-somma mitluba hija fi kwalisiasi kaz esagerata u trid tigi gustifikata;
4) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta' Carmelo Axiaq (Senior Distribution Technical Officer mal-korprazzjoni attrici) prodott mill-Korporazzjoni Attrici.

Sema' x-xhieda ta' Spettur Edmond Cuschieri prodott mill-korporazzjoni attrici.

Sema' x-xhieda ta' Philip Farruggia prodott mis-socjeta' konvenuta

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Il-kaz in kwistjoni jikkoncerna talba ghad-danni fis-somma ta' elf u hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmu (€1,522.46) allegatament ikkagunati lill-korporazzjoni attrici meta is-socjeta konvenuta kienet qieghda taghmel xoghol ta' thaffir fi Triq Schembri Adami fil-Mosta.

Mix-xhieda tal-korporazzjoni attrici in sostenn tat-talba taghha rrizultaw is-segwenti fatti:

**Carmel Axiaq** xehed nhar il-4 ta’ Dicembru 2008 u spjega li fil-gurnata li sehh l-incident hu kien qed jahdem fil-Mosta. L-incident gara nhar is-6 ta’ Dicembru tas-sena 2006, fit-Triq Schembri Adami, Mosta u dan gie a konjizzjoni tieghu ghaliex kien gie rrapportat minn terzi persuni illi certu bnadi kienu minghajr dawl. Irrizulta illi *high tension cable* li kien ghaddej min taht l-art kien ntlaqa. Spjega li dan il-cable rah hu stess dakinhar tal-incident u kkonferma illi fil-lok tal-incident kienu qeghdin jahdmu impjegati ta’ Carmelo Vella Limited. Dawn kienu qeghdin jhaffru biex jaghmlu sistema ta’ drenagg. Kienu l-haddiema stess li ndikaw il-post fejn ntlaqat il-cable. Ix-xhud zied jghid ukoll illi fejn kien milqut il-cable kien mgħotti bic-cangatura.

Il-haddiema ta’ Carmelo Vella Limited stess infurmaw lil Carmelo Axiaq li kienu qeghdin jahdmu b’JCB (u cioe *mini- excavator*) u li l-cable kien gie milqut mill- ponta tal-musmar tal-JCB. Ix-xhud ipprezenta rittratti Dok CA 1 (a fol 13 tal-process). Fir-ritratti esebiti fl-atti, ix-xhud indika il-musmar tal-JCB li juri li kien ittiekel bl-*ispark* illi sar meta il-cable ingarbet il-hsara u wkoll tarmac maqlugh fejn hemm marki taz-zebgha.

L-Ispettur **Edmond Cuschieri** xehed nhar it-2 ta April 2009 u pprezenta r-rapport maghmul mis-surgent PS 298 Joseph Grima (illum irtirat). Ir-rapport jikkonferma li s-socjeta konvenuta laqtet *high tension cable*, pero Emmanuel Vella rapprezentant tal-istess socjeta konvenuta kien insista illi l-cable ma kienx immarkat u li ma kienx mghotti mic-cangatura. Hu ikkontesta illi d-danni li saru kienu htija tieghu.

Is-socjeta konvenuta ipproduciet xhud wiehed biss: **Philip Faruggia** is-sewwieq tal-*mini excavator*. Ix-xhud kkonferma dak li gara. Iddikjara illi dakinhar kienu gew ufficjali ta’ Enemalta li kienu mmarkaw biz-zebgha kkulurita minn fejn kienu ghaddejjin il-*cables*. Xehed li hu beda jahdem xi metru il-boghod mill-marki meta laqghat il-*cable*.

It-Tribunal ghalhekk irrid jikkunsidra il-provi li gewipprezentati lilu a bazi tal-principju "ei incumbit probatio qui dicit non e qui negat." Ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib prova ta' dak li qieghda tallega fl-Avviz taghha.

F'din il-kawza il-fatt illi s-socjeta konvenuta kkawzat il-hsara lil cable minhabba x-xoghol ta' skavar ma kienx ikkuntestat. Fil-fatt dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Korporazzjoni attrici kif ukoll mir-rapport tal-pulizija esebit fl-atti u anke mix-xhieda ta' Philip Farruggia prodott mis-socjeta' konvenuta. Ta' min jghid illi Philip Farrugia ammetta illi laqat il-cable izda xehed illi ma kienx immarkat sew.

F'dan ir-rigward it-Tribunal ghandu quddiemu provi konfliggenti u cioe min naha wahda xhieda fejn s-socjeta konvenuta qieghda tinnega r-responsabilta ta' din il-hsara ghaliex tghid illi hi zammet mal-metru il-boghod mill-marki maghmulin mill-korprazzjoni attrici u min-naha l-ohra xhieda tal-korporazzjoni attrici fejn jindika tarmac maqlugh bil-marki taz-zebgha.

Huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija tas-socjeta konvenuta f'kawza civili hija differenti ghal kollox minn kawza kriminali u ghanda tkun fuq bilanc ta' probabilitajiet. It-Tribunal ghandu jikkunsidra ukoll jekk id-danni reklamati mill-korporazzjoni attrici kienu rizultat dirett tal-agir tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk irrid jigi ippruvat ness kazwali bejn l-agir tas-socjeta konvenuta u d-danni kawzati, u dan skont il-principju li kull persuna trid thallas ghal ghemil taghha. F'dan il-kaz is-socjeta konvenuta kienet l-esperta u kellha taghmel ix-xoghol taghha skond is-sengha u arti. Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet Go p.l.c. v. Richard Cachia deciza nhar it-12 ta' Jannar, 2011.

Huwa fatt accettat fil-gurisprudenza illi :
*"l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera comessagli second dettami dell'arte sua e deve prestare almeno un capacita ordinaria" (vol XXVII PI p373).* Ghalhekk

*"huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita tant li huwa tenut anke ghal-kolpa lievi" (Vol XLI PI p 667)*

F'dan il-kaz ghalhekk it-Tribunal jhoss anke jekk ghandu jemmen illi l-*cable* in kwistjoni ma kienx immarkat kif suppost xorta wahda il-kuntrattur f'dan il-kaz ghandu l-obbligu li jimxi bi prudenza u skond is-sengha u arti. F'dan il-kaz anke jekk hemm struzzjonijiet lilu moghtija xorta wahda huwa ghandu l-obbligu li jaghmel xogholu sew.

Fir-rigward tad-danni riklamati s-socjeta attrici pprezentat biss l-istima tax-xhud Carmel Axiaq (a fol 14 tal-process) bil-konferma tax-xhud illi dan il-materjal gie uzat fl-ammont ta' seba' mija u sebgha u tmenin Euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€787.21) fi valuta antika ta' tlett mija u sebgha u tletin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm337.86). Il-korporazzjoni attrici ma gabet ebda prova ohra ta' spejjes in sostenn tal-kwantum li gie ukoll ikkontestat mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet ghalkemm it-Tribunal jhoss illi l-grad probabtorju rikjest mill-ligi kien sodisfatt ghal dak li jirrigwarda htija kolpuza da parti tas-socjeta konvenuta pero' fir-rigward tal-quantum ma jhossx illi dan gie ppruvat u ghaldaqstant *abitrio boni viri* ma jistax jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont kollu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici in parte u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma €787.21 bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------